A.L. 71 ta' l-1991

ATT TA' L-1990 DWAR TAXXA FUQ L-INFIQ (ATT NRU. XXII TA' L-1990)

Regolamenti ta' l-1991 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Emenda ta' l-Iskeda)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 14 ta' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar Taxxa fuq l-Infiq (Emenda ta' l-Iskeda) u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda ma' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1990 dwar Taxxa fuq l-Infiq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda li tinsab ma' l-Att".

Jemenda l-Iskeda li tinsab ma' l-Att.

2. Fl-Iskeda li tinsab ma' l-Att, fil proviso li hemm fis-sezzjoni A. tal-Partita 1. *Servizzi ta' l-ivjaġġar* tagħha, minflok il-kliem "mill-*Accountant General* bħala li hu s-sehem" għandhom jidħlu l-kliem "mill-*Accountant General* qabel ma s-servizz jiġi offrut għall-bejgħ bħala li hu s-sehem".